DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1512

tas-7 ta' Settembru 2022

dwar it-talba għal reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Kull dar Ewropea mgħammra b'1 kW ta' fotovoltajka u 0,6 kW ta' turbini eoliċi bl-użu ta' finanzjament tal-UE u l-amministrazzjoni tal-muniċipalitajiet biss", skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2022) 6108)

(It-test bir-Rumen biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Talba għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Kull dar Ewropea mgħammra b'1 kW ta' fotovoltajka u 0,6 kW ta' turbini eoliċi bl-użu ta' finanzjament tal-UE u l-amministrazzjoni tal-muniċipalitajiet biss" ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fit-11 ta' Lulju 2022.

(2) L-għanijiet tal-inizjattiva kif ġew spjegati mill-organizzaturi huma: "(1) it-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju ta' kull unità domestika; (2) ir-responsabbiltà tal-muniċipalitajiet, tad-distributuri u tal-fornituri tal-enerġija, ir-restrizzjoni tal-migrazzjoni bejn il-fornituri fiż-żona l-ħadra b'taħriġ professjonali għal mill-inqas impjegat wieħed tal-muniċipalità fi kwistjonijiet ambjentali, bl-użu ta' tagħmir tal-UE biss; (3) l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija ekoloġika fl-aktar villaġġi iżolati u fi tmiem in-networks li nkella jkunu jeħtieġu investimenti ta' konsolidazzjoni ffinanzjati minn distributuri, fornituri tal-enerġija jew unitajiet amministrattivi territorjali; (4) il-bidla tal-perċezzjoni pubblika li l-enerġija ekoloġika hija għalja u l-edukazzjoni tal-pubbliku biex jikkonsma mill-inqas 1 kW ta' enerġija solari matul il-jum sabiex jitnaqqsu l-kontijiet. Aħna rridu ntemmu l-gwerra tal-enerġija, inħejju sistemi ta' pompi tat-turbini lokali sa 400 kW, sistemi ta' tisqija bil-qatra u ġeneraturi tal-idroġenu għal żoni tal-enerġija kompatti. Pass ewlieni għall-kompetittività fl-UE."

(3) Anness tal-inizjattiva jipprovdi aktar dettalji dwar is-suġġett, l-objettivi u l-isfond tal-inizjattiva, u jistabbilixxi u jagħti dettalji dwar ir-raġunijiet għall-appoġġ għal din l-inizjattiva. L-organizzaturi jsostnu li l-flus li ma jintużawx għar-reżiljenza, il-koeżjoni u l-iżvilupp reġjonali jistgħu jservu biex jiffinanzjaw, permezz ta' unitajiet amministrattivi territorjali, 600 miljun panel fotovoltajku u 197 000 megawatt enerġija ekoloġika f'madwar 197 miljun unità domestika fl-Unjoni kollha għal spiża stmata ta' EUR 750 biljun, u b'ħekk jiġu stabbiliti l-pedamenti tal-"unjoni Ewropea tal-enerġija ekoloġika".

(4) Fir-rigward tas-sejħa għal azzjoni biex jiġu installati pannelli fotovoltajċi u turbini eoliċi biex jipprovdu lill-unitajiet domestiċi b'enerġija ekoloġika bil-ħsieb li titnaqqas l-impronta tal-karbonju tagħhom, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposti għal atti legali li joħolqu obbligi li bini ġdid jew eżistenti jiġi armat b'installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u li jitħaffu l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli abbażi tal-Artikolu 194(2) tat-Trattat.

(5) Sa fejn l-inizjattiva titlob li l-objettivi tagħha jinkisbu bil-kontribuzzjoni tal-fondi tal-Unjoni, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, InvestEU, abbażi tal-Artikolu 173/jew l-Artikolu 175 tat-Trattat, u l-Fond Soċjali għall-Klima l-ġdid propost, abbażi tal-Artikolu 91(1), il-punt (d), l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(1), il-punt (c), kollha jipprevedu investimenti sinifikanti fit-tranżizzjoni ekoloġika.

(6) Għal dawn ir-raġunijiet, l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

(7) Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inklużi l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibilità mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.

(8) Il-grupp ta' organizzaturi pprovda evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.

(9) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata "Kull dar Ewropea mgħammra b'1 kW ta' fotovoltajka u 0,6 kW ta' turbini eoliċi bl-użu ta' finanzjament tal-UE u l-amministrazzjoni tal-muniċipalitajiet biss" tiġi rreġistrata.

(11) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati bl-ebda mod ma timplika li l-Kummissjoni tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Kull dar Ewropea mgħammra b'1 kW ta' fotovoltajka u 0,6 kW ta' turbini eoliċi bl-użu ta' finanzjament tal-UE u l-amministrazzjoni tal-muniċipalitajiet biss" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Kull dar Ewropea mgħammra b'1 kW ta' fotovoltajka u 0,6 kW ta' turbini eoliċi bl-użu ta' finanzjament tal-UE u l-amministrazzjoni tal-muniċipalitajiet biss", irrappreżentat mis-Sur Augustin DANILA u s-Sur Vlad VASILE li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Viċi President